Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
għaċ-Ċibersigurtà
Vasilissis Sofias Str 1
151 24 Maroussi | Attiki | Il-Greċja
Tel: +30 28 14 40 9711
E-mail: info@enisa.europa.eu
www.enisa.europa.eu

# JITNIEDA X-XAHAR IDDEDIKAT GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ EWROPEA

## NIBQGĦU SIGURI – KAMPANJA ONLINE 2019

Ottubru huwa x-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM), ikkoordinat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-Kummissjoni Ewropea u appoġġat mill-Istati Membri. Din il-kampanja se tiffoka fuq it-tifrix tal-għarfien dwar iċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini fl-Ewropa kollha.

Il-kampanja tal-2019 tiffoka fuq temi differenti li jindirizzaw il-ħtieġa għal bidla fl-imġiba u li jiġu identifikati l-opportunitajiet biex jgħinu lill-utenti jirrikonoxxu r-riskji tat-teknoloġiji l-ġodda.

L-ewwel tema tinkludi l-"Iġjene Ċibernetika" bażika, li tuża l-metafora tal-iġjene biex tinforma dwar id-drawwiet tajbin taċ-ċibersigurtà li huma parti mir-rutina ta' kuljum ta' kulħadd. Jekk l-utenti jkollhom prattiki ta' sikurezza ċibernetika b'saħħithom, ikunu aktar kunfidenti biex jużaw l-apparati tagħhom, kemm jekk ikun kompjuter, smart phone, apparat li jintlibes jew kwalunkwe ħaġa oħra konnessa mal-internet. Il-messaġġ ewlieni huwa li l-iġjene ċibernetika hija drawwa li titgħallem minn meta tkun żgħir u tibqa' rutina ta' kuljum għall-ħajtek kollha.

It-tieni tema tikkonċentra fuq it-"Teknoloġija Emerġenti" u tirrikonoxxi l-importanza li inti u l-aġġeġġi u l-apparati teknoloġiċi tiegħek tibqgħu siguri. It-teknoloġija qed tiżviluppa b'pass mgħaġġel u huwa importanti li tiddubita mis-settings tas-sigurtà u tal-privatezza għall-akkwisti ġodda tiegħek. Għal din it-tema, iċ-ċittadini se jiġu ggwidati fis-suġġetti li għandhom ikunu konxji tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknoloġija l-ġdida.

Il-Kummissarju għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, Mariya Gabriel, qalet: "Illum qed inniedu x-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea 2019, u qed nagħtu spinta lill-għarfien dwar is-sikurezza online u dwar il-ħiliet taċ-ċibersigurtà meħtieġa għall-ġejjieni. Jekk irridu ntemmu s-Suq Uniku Diġitali, huwa essenzjali li niżguraw li ċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, ikollhom l-għarfien u l-ħiliet biex jipproteġu lilhom infushom online. Hija r-

responsabbiltà kondiviża tagħna li ċ-ċittadini kollha jsiru utenti risponsabbli tat-teknoloġiji emerġenti."

Id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA, Udo Helmbrecht, qal: "It-theddid ċibernetiku qed jevolvi b'pass mgħaġġel u l-imġiba umana jista' jkollha rwol fundamentali fil-mod kif nibqgħu ċibersiguri. L-iżgurar li ċ-ċittadini kollha jkunu konxji tar-riskji online u li jkollhom l-għodda biex isiru utenti aktar reżiljenti u kunfidenti huwa għan ewlieni tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea. F'Ottubru, qed inħeġġu lil kulħadd biex joqgħod attent mit-teknoloġija l-ġdida u jistabbilixxi drawwiet b'saħħithom ta' iġjene ċibernetika."

Illum, biex titnieda l-kampanja, l-ENISA ppubblikat vidjow li se jipprovdi liċ-ċittadini b'verifiki sempliċi ta' għarfien li għandhom iwettqu fil-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, l-ENISA qed torganizza sessjoni bl-isem "Ask Me Anything" (Staqsini li trid) fuq Twitter fit-30 ta' Settembru fis-10:00 biex iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jistaqsu lill-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) mistoqsijiet ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà u dwar kif jistgħu jipproteġu l-apparati tagħhom.

**NOTI LILL-EDITURI:**
L-ECSM hija l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni annwali tal-Unjoni Ewropea ddedikata għall-promozzjoni taċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet, li tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar is-sigurtà.

Segwi l-kampanja fuq Twitter @CyberSecMonth u uża l-hashtag #CyberSecMonth u fuq Facebook @CyberSecMonthEU

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea fuq cybersecuritymonth.eu.

**GĦALL-INTERVISTI:**
Tista' tikkuntattja lit-tim tal-istampa tal-ENISA fuq dan l-indirizz press@enisa.europa.eu